**3 ta' Diċembru, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.**

Il-Pulizija (Spt. Carmel Micallef)

*versus*

Joseph Abdilla u Helen Abdilla

## Nuqqas ta' Dehra ta' Xhud

*Meta xhieda, regolarment inġunti mill-prosekuzzjoni, ma jidhrux, il-Qorti ma tista' tgħaddi għas-sentenza b'mod li tippriva lill-prosekuzzjoni mid-deposizzjoni ta' dawk ix-xhieda.*

Il-Qorti: –

Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' l-10 ta' Settembru, 1993 li minnha sar l-appell preżenti taqra hekk:

"Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati Joseph Abdilla u Helen Abdilla akkużati f'dawn il-Gżejjer fix-xhur ta' Settembru u Ottubru, 1992 għamlu użu minn stallazzjoni, apparat, strument jew aċċessorji oħra pprovduti mill-Korporazzjoni *TeleMalta,* għal skopijiet barra minn dawk li għalihom ikunu pprovduti u dan bi ksur ta' l-artikolu 43(1) ta' l-Att numru XVI ta' l-1975;

Peress li mhux ippruvata *stante* li ma tressqux xhieda tal-Prosekuzzjoni tilliberahom";

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tammetti biex jixhdu lil Carmen Grech u rappreżentant tat-*TeleMalta* u li din il-Qorti jogħġobha tvarja, tbiddel u tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' l-10 ta' Settembru, 1993 fl-ismijiet premessi wara li tisma' l-provi mill-ġdid billi fejn sabet lil Joseph u Helen Abdilla mhux ħatja, issibhom ħatja u tinfliġġi l-piena relattiva;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Sfortunatament għal darb'oħra din il-Qorti qed ikollha tiddeċidi vertenza li ormai jmissha diġà ilha sorpassata speċjalment *stante* li diġà kien hemm diversi sentenzi fuq l-istess punt li jmisshom servew ta' gwida lill-Ewwel Qorti;

L-appellant Avukat Ġenerali qiegħed jissottometti illi fis-seduta ta' l-10 ta' Settembru, 1993, l-ewwel Qorti naqset li tagħti differiment wara li l-uniċi żewġ xhieda tal-Prosekuzzjoni, ċjoè Carmen Grech, il-persuna li kienet qed tirċievi t-telefonati anonimi u rrappreżentant tat-*TeleMalta*, għalkemm debitament notifikati, baqgħu ma dehrux u għaddiet biex tagħti s-sentenza;

L-Avukat Ġenerali jissottometti illi dan ifisser illi l-ewwel Qorti naqset li tisma' x-xhieda vitali u indispensabbli ta' Carmen Grech u tar-rappreżentant tat-*TeleMalta* u partikolarment dwar il-konferma bil-ġurament ta' l-allegazzjoni dwar il-kontenut tat-telefonati. L-ewwel Qorti ma setgħet qatt tgħaddi għas-sentenza

kif fil-fatt għamlet, qabel ma tisma' l-provi kollha tal-Prosekuzzjoni b'mod partikolari provi indispensabbli. F'dan ir-rigward l-appellant Avukat Ġenerali għamel riferenza għas-sentenzi ta' din il-Qorti tal-15 ta' Ottubru, 1982 fl-ismijiet Il-Pulizija *vs* Mario Saliba, dik tat-2 ta' Lulju, 1990, Il-Pulizija *vs* Josephine Borg u *dik* reċentissima *ta' din il-Qorti kif* ippresjeduta *in re* Il-Pulizija *vs* Anthony Zarb tat-22 ta' Ottubru, 1993;

Din il-Qorti m'għandhiex x'iżżid ma' dak li diġà ġie deċiż f'dawn is-sentenzi li għadhom kemm ġew iċċitati, dwar il-vertenza in kwistjoni u sempliċement tgħid illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tgħaddi għas-sentenza u tippriva lill-Prosekuzzjoni mill-possibbilità li ġġib ix-xhieda *una volta* l-istess prosekuzzjoni ma kellha ebda tort fil-fatt illi l-istess xiehda debitament imħarrka, ma dehrux. Kieku kien il-każ li l-Prosekuzzjoni naqset illi tinġunġihom, allura l-ewwel Qorti kien ikollha raġun, imma la dan m'huwiex il-każ u l-Prosekuzzjoni ma kellha assolutament l-ebda tort, ma kienx il-każ illi jsir dak illi effettivament sar;

Dwar it-talba ta' l-Avukat Ġenerali biex din il-Qorti tisma' l-provi hi, din il-Qorti ma taqbilx li għandu jsir hekk fiċ-ċirkostanzi, *ukoll biex il-partijiet ma jiġux ipprivati mill-*beneficċju tad-doppju eżami u għalhekk din il-Qorti sejra fil-waqt li tilqa' l-appell, tirrinvija l-atti lill-Ewwel Qorti biex tisma' l-provi u tiddeċidi l-każ skond il-ħaqq u l-liġi;

Għal dawn il-motivi, tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tirrinvija l-atti lill-Ewwel Qorti biex isir dak illi ngħad fil-paragrafu preċedenti.